MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 275/2008

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Carmelo Caruana Company Limited**
**(C – 9616)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Marzu, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna giet mehuda mis-socjeta` rikorrenti fuq indikata wara li kienet giet notifikata b'ittra ufficcjali mibghuta mill-intimat Kontrollur tad-Dwana, u datata l-4 ta' Marzu, 2008, liema ittra ma jidhirx li giet debitament ipprezentata in atti ghall-verifika ta' din il-qorti;

2. Illi hu allegat li l-istess ittra ufficcjali giet introdotta ai termini tal-artikolu 466 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Illi ghalhekk ir-rikors odjern tas-socjeta` rikorrenti hu ntiz biex jopponi t-talba tal-imsemmi ntimat;

4. Illi in sintesi l-intimat interpella lis-socjeta` rikorrenti biex thallas is-somma ta' mija u disgha u erbghin elf, disa' mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u sittin centezmu, (€149,997.67), allegatament dovuta ghal dazju wara li s-socjeta` rikorrenti mportat kwantita` ta' tewm u peress li l-importazzjoni kienet ibbazata fuq dokumenti foloz;

5. Illi s-socjeta` rikorrenti tirribatti l-allegazzjonijiet migjuba kontriha kemm ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, kemm ghaliex qatt ma mpurtat f'Malta l-oggett indikat fil-paragrafu precedenti;

6. Illi l-involviment tas-socjeta` rikorrenti fl-importazzjoni de quo kienet limitata ghall-kwalita` taghha ta' "*shipping agent*" tal-konsenjatarji u in effetti la qatt ghamlet dikjarazzjoni t'importazzjoni, u lanqas qatt issottomettiet f'isimha xi dokumenti relattivament ghall-konsenja in dizamina, izda dawn dejjem kienu f'isem il-klijenti taghha li mportaw il-konsenja de quo;

7. Illi ghaldaqstant titlob li l-pretensjonijiet sollevati mill-Kontrollur intimat jigu dikjarati nfondati;

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana datata t-30 t'April, 2008, li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti:

1. Illi l-Avukat Generali ma giex debitament notifikat bir-rikors promotur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12;

2. Illi l-ammont pretiz mill-intimat Kontrollur fl-ittra ufficcjali tieghu fuq gia` ndikata hu lilu dovut mis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi kemm –il darba s-socjeta` rikorrenti ghandha relazzjoni guridika – kummercjali ma’ terzi, allura ghandha drittijiet rizervati fil-konfront taghhom, u dan, nonostante l-estraneita` tal-Kontrollur intimat ghall-istess;

4. Illi di piu`, s-socjeta` rikorrenti qatt ma ddikjarat li qed tagixxi in rapprezentanza ta’ terzi kif titlob il-ligi;

5. Illi ghalhekk it-talba tal-Kontrollur intimat kontenuta fl-ittra ufficcjali de quo hi gusta u skont il-ligi u konsegwentement, ghandha tigi kkonfermata;

6. Illi di piu`, ghaldaqstant, jitlob li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tigi michuda, bl-ispejjez;

Rat ir-rikors tal-Kontrollur intimat datat l-14 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu wara li ppremetta li hemm erba’ (4) kawzi hemm indikati li huma strettament konnessi fattwalment stante li jikkoncernaw “importazzjoni ta’ kunsinni ta’ tewm b’sistema ta’ dokumenti foloz”, talab li ghall-ekonomija taz-zmien u biex jigu evitati gudizzji konfliggenti, l-istess kawzi ghandhom jinstemghu minn din l-istess qorti, ai termini tal-artikolu 793 tal-Kap 12;

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata l-20 ta’ Mejju, 2008 li esprimiet il-kunsens taghha ghat-talba tal-intimat Kontrollur;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-27 ta’ Mejju, 2008 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-intimat Kontrollur fuq indikat;

Illi ghalhekk ir-rikorsi 275/08; 276/2008; 277/08 u 278/08 , jitmexxew flimkien u l-provi mismugha fir-rikors numru 275/08 jaghmlu stat ta’ prova fir-rikorsi l-ohra ndikati;

Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-28 ta’ Mejju, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex jisma’ l-provi kollha, (ara fol 94);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat il-25 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu rrevokat l-inkarigu moghti lill-assistent gudizzjarju fuq riferit, (ara fol 134);

Rat in-nota t’osservazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-13 t’Ottubru, 2011, u n-nota responsiva tal-Kontrollur intimat datata l-14 ta’ Novembru, 2011;

Semghet it-trazzazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-Kontrollur intimat kien innotifika lis-socjeta` rikorrenti, (u lir-rikorrenti l-ohra ndikati fir-rikorsi numri 276, 277 u 278, ilkoll tal-2008), u nterpellhom biex ihallsu mitejn u erbghin elf hames mija u sitta u disghin Ewro u wiehed u tletin centezmu, (€240,596.31) u mija u disgha u erbghin elf, disa’ mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u sittin centezmu, (€149.997.67), skont il-kaz, bhala dazju ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 peress li rrizultalu li l-importazzjoni in dizamina kienet ibbazata fuq dokumentazzjoni falza;

2. Illi stante li s-socjeta` rikorrenti kkontestat din l-allegazzjoni, kif ghamlu wkoll ir-rikorrenti l-ohra, allura giet introdotta l-procedura odjerna;

3. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju l-partijiet qabblu li l-erba’ (4) kawzi ntavolati fir-rigward, kellhom jimxu flimkien u l-provi migjuba f’din il-procedura kellhom japplikaw ukoll fl-ohrajn fuq indikati;

4. Illi ghalhekk effettivament, din il-kawza hi wahda kwadrupla – procedura pjuttost kumplikata u facilment superata, kemm –il darba l-ittra ufficcjali promotrici in dizamina ma spezzettatx il-lanjanti;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-kwistjoni kollha hi naxxenti mill-fatt li l-Kontrollur intimat f'xi mument fl-iter ta' din il-vertenza, skopra li kien qed jigi raggirat tramite licenzji fazulli mahrugin minn awtorita` estera responsabbli mic-certifikazzjoni ta' prodotti tal-frott, hxejjex u artikultura, liema raggir jidher li kien ukoll ikkonfermat mill-Agenzija Ewropea ta' Kontra l-Frodi, (OLAF);

Illi minn investigazzjonijiet kondotti mill-awtoritajiet kompetenti rrizulta li zewg "*post entries*" rispettivament mahruga f'isem Alain Casal u Aragon Import & Export Company Limited ghal €149,997.67 u €240,596.31, gew it-tnejn notifikati lis-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited u Baltimore Consulting Company Limited;

Illi konsegwenza tal-"*post entries*" fuq riferiti s-socjetajiet rikorrenti fuq indikati allura talbu l-bilanc dovut fuq id-dazju t'importazzjoni relattiv ghall-konsenji ta' tewm involuti;

Illi peress li ghalhekk irrizulta lill-intimat Kontrollur li l-licenzji in dizamina kienu foloz, allura l-esenzjoni mid-dazju supplikata mir-rikorrenti fuq riferiti ma kinitx tapplika;

Illi jirrizulta li s-socjetajiet esteri nvoluti f'dan ir-raggir huma Alain Casal u Aragon Import & Export Company Limited, izda l-informazzjoni erronea mghoddija lid-Dipartiment tad-Dwana li kien jintitola lir-rikorrenti ghall-beneficcji fiskali nvoluti jirrizulta li dejjem ghaddew elettronikament mill-impjegati tas-socjetajiet rikorrenti favur il-beneficjarja ta' dan ir-raggir - is-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited - fejn jirrizulta anke li din l-istess

socjeta` tifforma parti minn grupp li jimmerita l-attenzjoni ta' nvestigazzjoni aktar approfondita;

Illi riskontrat u verifikat dan ir-raggir, allura s-socjeta` rikorrenti hi tenuta li thallas l-ammont ta' dazju fl-interezza tieghu u bl-ebda mod ma tista' tibbenefika minn xi agevolazzjoni li tista' ttaffi l-impatt finanzjarju nvolut;

Illi hu tassew superficjali li s-socjeta` rikorrenti tikkwota bl-aktar mod dispregjattiv qawl taljan biex iccekken u tumilja Dipartiment  - li ghalkemm fl-istorja tieghu ghadda minn diversi pagni ta' misthija -  pero` f'dan il-kaz, mhux biss jirrizulta li qed jespleta d-doveri tieghu b'serjeta`, izda qed jigi moniterjat f'dan ir-rigward minn agenzija tal-Unjoni Ewropea li l-funzjoni taghha hu proprju li tkun ta' balward Ewropew f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji r-risposta tal-Kontrollur intimat, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Carmelo Caruana Company Limited, bl-ispejjez;

Illi finalment, stante li jirrizulta li l-fatti in dizamina jistghu jaghtu lok li l-meritu ezaminat jista' jindika li effettivament hawn si tratta ta' azzjonijet li huma ta' rilevanza kriminali stante li jista' jkun il-kaz, hu fil-fatt tentattiv ta' frodi, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga l-atti kollha tal-kawzi in dizamina biex jasal ghall-konkluzjonijiet li jidhirlu xierqa fir-rigward.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------